**20 ta' Novembru, 1985**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Avukat Dottor Victor E. Ragonesi *noe*

*versus*

Jacques Fremal *et*

**Ġurisdizzjoni - Klawżola għall-Arbitraġġ - Inadempjenza Kuntrattwali**

***Għab-bażi ta' ġurisprudenza l-Qorti ddeċidiet illi kellha ġurisdizzjoni f'kaz fejn intalbet ir-riżoluzzjoni ta' bejgħ minkejja klawzola arbitrali.***

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li huwa ftiehem mal-konvenuti personalment li dawna jbiegħuli u huwa jixtri minn għandhom *yacht* tat-tip '*Rasbora 110*' bil-prezz komplessiv ta' 245.000 franki franċiżi, liema *yacht* kellu jiġi kostruwit mill-konvenuti f'Malta, u li kellu jiġi konsenjat lill-attur fl-1 ta' Ġunju, 1977, taħt il-kondizzjonijiet fosthom il-pagamenti ratejali risultanti mill-istess ftehim u peress li l-konvenuti għamlu arranġamenti mas-soċjetà konvenuta li hija proprjetà tagħhom biex dina s-soċjetà tibni l-istess *yacht*, u peress li l-attur effetwa l-pagamenti ratejali pattwiti ta' 24.500, 61.250 u 61.250 franki franċizi rispettivament, b'kollox 147.000 frank franċizi ekwivalenti għal Lm12,468.20 (tnax il-elf, erba' mija, tmienja u sittin punt għoxrin lira maltija) u peress li l-konvenuti ma kkonsenjawx il-*yacht* fid-data miftehma, u nonostante promessi kontinwi u sussegwenti li jikkonsenjaw dan il-*yacht* f'dati posterjuri, wara li kienu assikuraw lill-attur li l-magni rikjesti għall-*yacht* kienu ġew ordnati, assikurazzjoni li irriżultat falza, l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, l-istess attur talab li din il-Qorti tiddikjara risolut il-bejgħ tal-*yacht* fuq imsemmi magħmul bil-ftehim fuq indikat minħabba ħtija u inadempjenza ta' l-istess konvenuti jew min minnhom fil-konsenja pattwita, u l-konvenuti fil-kwalità predetta jiġu kkundannati jirrifondu u jħallsu lill-attur is-somma ta' Lm12,468.20 minnu mħallsa flimkien ma' l-interessi kummerċjali fuq kull rata mid-data tar-rispettiv pagament; b'riserva tad-danni u ta' kull azzjoni oħra lill-attur kompetenti;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur, il-lista tax-xhieda tiegħu kif ukoll id-dokumenti eżebiti ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Jacques Fremal li biha eċċepixxa:

Illi preliminarjament din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni f'dan il-każ, dana *in vista* ta' klawsola għall-arbitraġġ kontenuta fil-ftehim li jirregola l-bejgħ in kwistjoni;

Illi mingħajr preġudizzju u fil-meritu il-*yacht* ma ġiex konsenjat lill-attur minħabba nuqqasijiet da parti tiegħu fil-pagamenti u minħabba aġir ieħor illegali tiegħu kif jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Alfred Fremal personalment li biha eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi ma jeżisti ebda relazzjoni kontrattwali jew ġuridika bejn l-eċċipjenti *proprio* u l-attur *nomine*;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Alfred Fremal *nomine* li biha eċċepixxa:

Illi preliminarjament ma teżisti ebda soċjetà bl-isem '*Rasbora Marine International Company Limited*' u għalhekk l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġurisdizzjoni;

Illi mingħajr preġudizzju ma teżisti l-ebda relazzjoni kontrattwali jew ġuridika bejn l-eċċipjenti *nomine* u l-attur *nomine*;

Salvi eċċezjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet u l-lista tax-xhieda rispettiva ta' l-imsemmija konvenuti;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u eżaminat il-provi li tressqu;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni tal-konvenut Jacques Fremal li din il-Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni f'dan il-kaz *in vista* tal-klawsola arbitrali kontenuta fil-ftehim li jirregola l-bejgħ in kwistjoni;

Illi l-klawsola arbitrali imsemmija tifforma parti mill-ftehim li hemm eżebit. Bis-saħħa ta' dan il-ftehim l-attur Dr. Aldo Bergomi ftiehem ma' l-aħwa Fremal li jixtri *yacht* tat-tip '*Rasbora 110*' bil-prezz u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim fosthom li l-konsenja tal-*yacht* kellha iseħħ fl-1 ta' Ġunju, 1977 da parti tal-konvenuti Fremal;

Irriżulta li l-attur ħallas pagamenti ratejali ta' 147.000 franki franċiżi li skond l-attur huma ekwivalenti għas-somma ta' Lm12,468.20 iżda l-*yacht* baqa' ma ġiex konsenjat lilu;

Apparti x-xhieda ta' l-attur jirriżulta ukoll mill-ittra eżebita fil-proċess li l-konvenuti kienu aċċettaw li jirrifondu

s-somma li ħallas l-attur. Il-konvenuti jinsabu attwalment assenti minn Malta peress li wieħed minnhom ħarab minn Malta nonostante li kien hemm maħruġ impediment tal-partenza tal-persuna u l-konvenut l-ieħor telaq ukoll u l-allegazzjoni ta' l-attur dwaru li dan jinsab riċerkat mill-Interpol minħabba approprjazzjoni indebita ta' flus għad-dannu ta' persuni barranin ma ġietx kontradetta. L-attur jgħid ukoll li ħareġ mandat ta' qbid fuq xi proprjetà tal-konvenuti li tinsab f'Malta li hija l-post fejn kien qiegħed jiġi mibni l-*yacht* intenzjonat għall-attur. L-attur issottometta ukoll - u ma ġiex kontradett li din hi l-unika proprjetà li għandhom il-konvenuti u li hawn biss l-attur jista' jispera li b'xi mod jissodisfa, purchè f'parti minima, il-pretensjoni tiegħu stante t-temwita ta' l-istess proprjetà jekk l-istess pretensjoni tiġi akkolta ġjudizzjarjament;

Illi fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza tat-tribunali tagħna u għab-bażi taċ-ċirkostanzi predetti jidher ċar li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti m'għandiex ġustament tiġi akkolta. L-iskop tal-kawża hu li tiġi ordnata r-riżoluzzjoni tal-bejgħ tal-*yacht* minħabba inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuti u l-attur, ċertament isofri preġudizzju enormi li kieku kellu jitqies li baqa' marbut mal-imsemmija klawsola arbitrali meta hemm inadempjenza lampanti da parti tal-konvenuti. Infatti, il-konvenuti jinsabu maħruba minn Malta u evidentement mhumiex faċilment rintraċċjabbli. Jidher ċar li l-eċċezzjoni in kwistjoni ma ingħatatax mill-konvenut għaliex dan ġenwinament xtaq li l-kwistjoni tiġi deċiża minn arbitru iżda sempliċement ingħatat fil-bidu tal-proċedura odjerna biex jipprova jipprokura vantaġġ proċedurali għad-dannu ta' l-attur. Jidher ċar ukoll li l-attur hawn Malta biss jista' jittama li jesegwixxi l-eventwali deċizjoni u kieku l-eċċezzjoni tintlaqa' l-attur isofri preġudizzju irrimedjabbli. Min-naħa l-oħra, illum

il-ġurnata, l-konvenuti żgur li ma jirrizultax li jkollhom xi preġudizzju jekk l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tiġi miċħuda peress li huma kif intqal telqu minn Malta definittivament u abbandunaw kull proprjetà li seta' kellhom hawn Malta;

Illi għalhekk din il-Qorti, animata mill-prinċipji enunċjati fil-ġurisprudenza tagħna, waslet għall-konkluzjoni li nonostante l-klawsola arbitrali imsemmija, hija għandha ġurisdizzjoni dwar din il-kawża. Il-Qorti tħoss li m'għandiex għalfejn tiddelunga aktar dwar din il-kwistjoni u dana peress li l-istess konvenuti jidhru li abbandunaw kull interess f'din il-kawża ukoll tant li l-avukat li kien jippatroċinhom irrinunzja għall-patroċinju fl-1 ta' Diċembru, 1980 u l-konvenuti lanqas biss ħadu ħsieb li jinkarigaw avukat ieħor;

Illi l-konvenuti ma ressqu ebda provi dwar l-eċċezzjonijiet li ssollevaw u għalhekk l-istess eċċezzjonijiet ma humiex ġustifikati;

Illi min-naħa l-oħra l-attur irnexxielu jipprova il-pagamenti akkont li għamel lill-konvenuti u li huma preċisament dawk indikati fl-att taċ-ċitazzjoni. Irnexxielu jipprova ukoll l-inadempjenza lampanti tal-konvenuti li jonoraw l-obbligi kontrattwali tagħhom tant li l-*yacht* li obbligaw rwieħhom li jlestu u jikkonsenjaw lill-attur mill-1 ta' Ġunju, 1977 baqa' qatt ma tlesta;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi issir applikabbli l-artikolu 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jiddisponi li fil-kuntratti kummerċjali, il-kondizzjoni riżoluttiva taċita imsemmija fl-artikolu 1111 tal-Kodiċi Ċivili tħoll il-kuntratt *ipso jure* u l-Qorti ma tistax tagħti

żmien lill-konvenut sabiex jiġi meħlus mill-mora;

Illi għalhekk it-talbiet ta' l-attur huma ġustifikati;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet ta' l-attur (fil-konfront tal-konvenuti kif imħarrka) kif dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni - bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.